VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,920, 25 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 179 tal-2012

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)
Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Emenda Nru. 3) u dawn ir-Regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, hawn iżjed 'l quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 490.04.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2012.

Emenda tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih qabel il-kliem "Elenku dwar Ġurisdizzjoni Ġenerali" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu l-kliem:

"Elenku dwar il-Komunikazzjonijiet".

Emenda tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolamenti (8) u (9) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala regolamenti (9) u (10) rispettivament u minnufih wara s-subregolament (7) tiegħu, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(8) L-assistenti maħtura fuq l-Elenku dwar il-Komunikazzjonijiet jkunu kompetenti li jittrattaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-leġislazzjoni li ġejja:

"Kap. 81 (a) l-Att dwar ir-Regolament ta' Ċerti Xogħlijiet f'Utilitajiet u Servizzi;

Kap. 254 (b) l-Att dwar is-Servizzi Postali;

L.S. 254.01 (ċ) ir-Regolamenti dwar Servizzi Postali;

Kap. 399 (d) l-Att biex jirregola Komunikazzjoni Elettroniċi

L.S. 399.23 (e) id-Direttivi mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni;

L.S. 399.24 (f) ir-Regolamenti dwar Sistemi ta' *Cable* (Ġenerali);

L.S. 399.28 (g) ir-Regolamenti dwar *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali);

Kap. 418 (h) l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni;

Kap. 426 (i) l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi; u

L.S. 426.02 (j) ir-Regolamenti dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali).".